# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Aaron Borda**

**Kawza tal-Kollizzjonijiet**

**Illum, 22 April, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra **Aaron Borda**, bin Kevin Borda u Marthese nee' Scerri, imwieled fil-02/02/2000 u joqghoq 17, San Gorg Preca, Triq Rudolph Saliba, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 59300L akkuzat talli fil-05 t' Awwissu, 2020 ghall-habta ta' 18:05 hrs fi Triq il-Labour, Naxxar soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni CBU 547;

1. B' manjiera traskurata;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza;
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera bla kont;
4. U b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Caruana li gabet il-konsegwenzi

msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr Danielle Lauretta Agius MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob l-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 68.18 Sitt Skeda.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk inhu l-kaz, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-  ta' Spettur R. Gauci u ta'  PS 1021 Christian Cauchi ipprezentati mat-tahrika tal-kawza; l-affidavit ta' Dr Daniele Lauretta Aguis ipprezentat fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023; semghet ix-xhieda ta' Doris Serpina Sciberras fis-seduta tal-11 ta' April, 2022; ta' l-Ispettur Roderick Spiteri fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023; ta' Dr Alexander Sciberras fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023; ta' Joseph Caruana fis-seduta tal-6 ta' Marzu, 2023; ta' Kelly Ann Bugeja fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023; ta' Faye Borg fis-seduta tas-5 ta' Marzu, 2023; ta' Mary Gatt fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023;

Rat ic-certifikat mediku, r-rapport tal-Pulziija u l-fedina penali tal-imputat ezebit mat-tahrika tal-kawza.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023 l-Qorti taghmel taghha l-periti kollha nominati fl-inkjesta.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023 il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

Rat li l-imputat iddikarja li mhux ser jixhed.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-art 214, 215, 218, 225, 226(1)(a)(b), 328 (d), 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, .S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 68.18 Sitt Skeda.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat,

Provi prodotti mill-Prosekuzzjoni

**Affidavit ta' Spettur R Gauci,** stazzjonat gewwa l-Ghassa tan-Naxxar, ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Fil-14 ta' Settembru, 2021 gie mghoddi file rigward rapport li jgib in-numru 8/S/1675/2020 dwar incident stradali li sehh nhar il-05 ta' Awwissu, 2020 ghal habta ta' 18:50 hrs gewwa Triq il-Labour, Naxxar. Rigward dan l-incident kien hemm inkjesta mill-Magistrat Dr C. Farrugia Frendo fejn gew mahtura diversi esperti. Fl-istess file gie mitlub johrog akkuzi kontra l-imputat Aaron Borda wara li l-espert tal-Qorti Dr Mario Buttigieg ikkonkluda l-investigazzjonjiet tieghu u irrakkomanda li jinhargu akkuzi kontra x-xuffier.

**Affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi**, stazzjonat gewwa l-Ghassa tan-Naxxar, ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Nhar l-Erbgha 05 ta' Awwissu, 2020 ghall-habta tal-18:04 hrs waqt li x-xhud kien dettaljat xoghol, il-'control room' minn gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija infurmaw l-Ghassa tan-Naxxar li persuna giet imtajjra minn vettura fi Triq tal-Labour, in-Naxxar, fejn il-hanut bl-isem "The Paint Specialist". Ix-xhud PS 1021, flimkien ma PC 370 u PC 2417 marru fuq il-post fejn investigazzjonijiet preliminari zvelaw illi l-vettura li kienet involuta fl-incident li ggib in-numru ta' registrazzjoni CBU 547 tal-ghamla Peugeot giet mcaqqalqa minn fuq il-post mis-sewwieq.

Ix-xhud osserva li fuq il-post bilqeghda fuq it-tarag tal-imsemmi haunt kien hemm persuna li safa' mtajjar, li rrizulta li kien Joseph Caruana li kellu griehi f' irkopprejh il-lemminija u xi griehi fuq in-naha ta' wara ta' rasu. Fuq il-post issejjhet l-ambulanza bin-numru ta' registrazzjoni GVH-006 mmexxija minn nurse 4544 li hadu l-vittma gewwa l-isptar Mater Dei ghal aktar kura.

Fuq il-post ix-xhud avvicina lis-sewwieq li rrizulta li kien Aaron Borda, fejn qabel ma hadlu l-verzjoni tieghu infurmah bis-solita twissija u cioe' id-dritt li jikkonsulta ma

avukat ta' fiducja tieghu fejn hu irrinunzja milli jezzercita dan id-dritt u taha l-verzjoni tieghu lix-xhud. Jakkumpanjaw ix-xufier kien hemm zewgt passigieri Kelly-Ann Bugeja u Faye Borg. Is-surgent ha l-verzjoni taghhom u tax-xhieda ohra tal-incident Mary Gatt u Alexander Schembri li taw il-verzjoni taghha.

Ix-xhud iddikjara li peress li s-sewwieq Aaron Borda caqlaq il-vettura wara li sehh l-impatt biex ma johloqx kongestjoni, hu ggwida lil l-pulziija fejn sehhet il-kollizjoni u fit-triq ma gewx innutati 'tyre marks'. Gie osservat li kien hemm 'pedestrian crossing' (fl-istess triq direzzjoni lejn il-Mosta) u din kienet mija u sitt metru (106m) 'l boghod, filwaqt li tmienja u sebghin metru (78m) 'il boghod fid-direzzjoni opposta ta' Triq tal-Labour, n-Naxxar minn fejn sehh l-incident hemm 'pedestrian crossing' ohra.

Irrizulta li kien hemm CCTV fl-akkwata fejn sehh l-incident, f' residenza fond numru 103, 'id-Dwejra', Triq il-Labour, Naxxar il-pulizija habtet il-bieb tar-residenza imma ma fetah hadd.

Wara x-xhud ispezzjona l-vettura CBU 547 tal-ghamla Peugeot fejn il-hsarat kienu osservati li kienu fuq il-'windscreen' kif ukoll kellu ghafsa u barxa fuq il-bonnet. Ix-xhud osserva ukoll li kien fuq il-bieba ta' quddiem in-naha tal-passigier kien hemm xi brix fejn il-pum u l-bumper ta' quddiem izda Aaron Borda stqarr li dawn kienu qabel ma sehh dan l-incident. Il-vettura msemmija baqghet ipparkjata fuq il-post sakemm giet maghrufa l-qaghda ta' Joseph Caruana fejn PC 238 thalla 'fixed point' mal-vettura.

Nhar 05 ta' Awwissu, 2020 ghall-habta tal-23:30 hrs il-pulizija tal-isptar Mater Dei ikkuntattja lix-xhud fejn infurmah li Joseph Caruana kien fil-perikolu immininenti li jitlef hajtu hekk kif qieghed invistat mit-tabiba Dr. Med. Laurette Agius MD gewwa MDH.

Ghalhekk huwa informa lis-Spettur Roderick Spiteri inkarigat mill-Ghassa Naxxar. Aktar tard ghal habta tan-00:25 hrs ix-xhud gie infurmat li c-certifikat tal-vittma kien lest u jinstab gewwa l-isptar u ghalhekk il-pulzija ghaddiet ghac-certifikat u dan gie mghoddi lil Spettur Roderick Spiteri.

Ix-xhud hejja rapport fuq is-sistema komputerizzata tal-pulizija nru 8/S/1675/2020.

**Doris Serpina Sciberras**, Deputat Registratur, fis-seduta tal-11 ta' April, 2022 ipprezentat il-process verbal fil-kawza Pulizija vs Aaron Borda redatt mill-Magistrata Dr Caroline Farrugia Frendo u li gie minghand l-Avukat Generali fis-6 ta' April, 2022.

**Affidavit ta' Daniele Lauretta Agius** ipprezentat fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023. It-tabib ikkonferma li ezamina lil Joseph Caruana nhat il-5 ta' Awwissu, 2023 u ccertifika l-griehi li kien qed isofri. Dawn il-griehi gew ikklassifikati bhala "ta' natura grievous & in danger of loss of life.".

**Spettur Roderick Spiteri** xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023. Jixhed li kien infurmat b' dan l-incident u kien informa l-Magistrat tal-Ghassa ta` dak in-nhar u giet imhejjija inkjesta. Jikkonferma r-rapport fl-atti tal-inkjesta a fol 1 sa 2 u jaghraf ir-rapport tal-inkjesta li gie imhejji minnu rigward dan l-incident. Dan kien l-unika involvement tieghu fil-kaz.

**Alexander Sciberras** xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023. Jikkonferma d-depozizzjoni li kien taha fl-atti tal-inkjesta (a fol 30 u 31). Fix-xhieda tieghu fl-atti tal-inkjesta kien xehed li fil-5 ta' Awwissu ftit wara s-sitta (18:00hrs) kien qed johrog xi affarijiet mill-vettura tieghu u sema ghajta u nofs sekonda wara sema' hoss ta' mera. L-incident per se ma rahx. Kif sema d-daqqa hares u raha ragel ma l-art fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Nizel u poggewh fuq it-tarag ta' quddiem il-hanut li jbiegh iz-zebgha. Il-vittma kienet fuq l-istonku u raha li kellu daqqa fuq rasu. Mid-direzzjoni opposta harget mara mill-vettura griza u qalet 'kwazi lqattek jiena'. Minn hemm fehem li l-vittma kien qed jaqsam it-triq minn naha tax-xellug. It-traffiku beda' jingema u ghaldaqstant nehhew il-vettura u wara gew il-Pulizija.

**Joseph Caruana,** il-*parte civile*, xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023. Jixhed

"Xhud: Fil-5 ta` Awwissu, 2020 kont in-Naxxar Labour Avenue u kelli l-vann faccata u mort naqsam ghal-vann in-naha tieghi ahna u telghin lejn il-knisja kien hemm il-lights fuq mixghulin u kien hemm it-traffic il-karozzi kienu weqfin jiena qsamt ghax kien hemm il-lights fuq jiena qsamt kif wasalt nisma break,"

Qasam minn naha tax-xellug (ie in-naha tal-knisja) biex imur fuq in-naha tal-lemin. Kien wasal man-naha l-ohra mal-karozzi ipparkjati (mhux fuq il-bankina) jisma break u mal-break daqqa u tajru. Il-hin kien xi 6 ta' filghaxija. Mistoqsi meta jghid li wasal

fejn il-karozzi fl-liema parti tat-triq wasal jirrispondi li hu wasal lejn karozza ipparkjata. Hu qasam ghad-dritt u l-karozza tieghu kienet naqra l-fuq. Jispjega li l-karozza laqtitu fuq ix-xellug taghha. Ir-ringiela karozzi kienu ipparkjati mal-gemb. Ma jafx x' karozza laqtitu.

"Avu2: Ara fhimtek sew segwini ftit inti kont ipparkjat wiccek sejjer lejn il-knisja igifieri it-telgha?

Xhud: Le kontra kontra,

Avu2: Mil-knisja niezel lejn il-Mosta?

Xhud: Proset."

Ix-xhud jixhed li l-lights kienu homor in-naha tieghu, kienu weqfin il-karozzi u hu qasam. Hu qasam bejn il-karozzi weqfin. It-triq hija one lane kull naha.

**Kellyann Bugeja,** xehedet fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023. Tikkonferma x-xhieda taghha li tinstab a fol 28 u 29 tal-atti tal-inkjesta u tippreciza li kien hemm traffic lights u mhux pelican lights. Fl-atti tal-inkjesta kienet xehdet li hija kienet passiggiera fil-vettura misjuqa minn Aaron Borda. Kienu nizlin mid-direzzjoni tal-Knisja tan-Naxxar sejrin lejn il-PAMA Mosta. Kif waslu hdejn il-lights qalbu orangjo u baqghu ghaddejjin. Rat dan ir-ragel jaqsam ghan-nofs it-triq. Qasam bejn il-pedestrian crossing li hemm hdejn il-bandli u l-ohra li hemm hdejn Villa Mdina. Meta ra hekk id-driver paqpaq il-horn u r-ragel waqaf. Tixhed li f' hin Borda rega' beda jsuq u din il-persuna telqet tigri u qabzet fuq il-bonnet tal-vettura.

Fix-xhiedha taghha viva voce waqt is-seduta ix-xhud gharfet lil *parte civile* bhala l-persuna li kienet qed taqsam it-triq. Lil parte civile ratu jaqsam min naha tal-lemin taghhom ghan-naha tax-xellug taghhom. Ratu l-boghod tul ta' karozza. Ratu jaqsam u ratu wieqaf fin-nofs tat-triq.

Tixhed li lil *parte civile* ratu jaqsam minn bejn il-karozzi. Il-karozzi kienu qed isuqu fuq iz-zewgt nahat tat-triq. Ma tiftakarx ezatt kemm kien hemm distanza meta lemhitu imma tikkalula li kien hemm qisu tul ta' karozza.

Id-daqqa kienet minn naha tal-passigier quddiema ezatt. Laqat il-bonnet in-naha taghha. Tixhed li sslowjaw, , indaqq il-horn u Aaron Bordna li kien qed isuq baqa' sejjer.

"Xhud: Baqa`sejjer u is-sur Caruana gera quddiem il-karozza qabez fuq il-bonnet u nizel mal-genb dak li rajt jien."

**Faye Borg,**_xehedet fis-seduta tal-6 ta' Marzu, 2023. Tikkonferma x-xhieda taghha li tinstab a fol. 29 tal-atti tal-inkjesta. Kienet riekba fuq wara n-naha tal-passiggier. L-imputat li qed taghraf fl-awla kien qieghed isuq il-vettura. Il-passigiera fuq quddiem kienet Kellyann Bugeja.

Kienu sejrin direzzjoni mil-Stage tan-Naxxar ghal-Pama. Il-*parte civile* kien gej minn naha l-ohra tat-triq, from the left int u niezla. Lemhitu qisu xi tul ta' karozza. Il-*parte civile* kie bejn il-karozza li konnha qeghdin huma u l-karozza ta quddiem. Il-karozzi tan-naha l-ohra tat-triq kienu wieqfin.

Ix-xhud tghid li lil *parte civile* l-ewwel darba li ratu kien quddiem il-karozza. Kien diga qed jaqsam.

Mistoqsija x' ghamel l-imputat tirrispondi "li daqq il-horn u waqaf u mbaghad baqa` sejjer bil-mod u qabez fuq il-karozza ir-ragel."

Mistoqsija fl-liema parti tat-triq kien ir-ragel meta ittajjar tirrispondi li kien "Fin-nofs fuq il-windscreen".

**Mary Gatt,** xehdet fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2023. Kienet qed issuq vettura_KBE 429, direzzjoni Naxxar lejn il-knisja. Fuq l-incident tixhed li qasam ragel minn quddiema mill-left ghar-right taghha. Il-karozzi kienu mexjin bil-mod. Kien hemm serbut karozzi u qasam minn quddiema. Baqa' sejjer fuq in-naha l- ohra tal-bankina tat-triq u x' hin indunat li gara incident waqfet u tat l-ghajuna.

Ikkunsidrat.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-*parte civile* qasam it-triq bejn iz-zewgt pedestrian crossings u qasma bejn vetturi li kienu mixjin bil-mod minhabba li kien hemm id-dawl ahmar fit-traffic lights. Il-parte civile qasam ghan-nofs triq, l-imputat lemhu ftit il-boghod (tul ta' karozza), daqq il-horn, u l-parte civile qasma, ghal parti l-ohra tat-triq. Kif wasal qrib il-karozzi ipparkjati fuq in-naha tat-triq fejn kien qed isuq l-imputat, sehh l-impatt u ttajjar mill-vettura tal-imputat.

Ikkunsidrat

Illi b' referenza ghall-ewwel imputazzjoni , fir-rigward tal-kunċett "sewqan traskurat (negligent driving)", ssir referenza għas-sentenzi s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju, 1997, li jagħmlu referenza għaliha wkoll is-sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Andre Joel Camilleri u IlPulizija vs Michael Angelo Xerri deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru, 2022 u fil-25 ta' Jannar, 2023 rispettivament, fejn il-Qorti rriteniet i-segwenti: Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

Ikkunsidrat

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulziija v Dorianne Camilleri deciza fit- 28 ta' Fra,r 2018 fejn il-Qorti elaborat x' inhuma r-responsabiltajiet ta' pedestrian b' referenza ghal gurisprudenza u guristi ikkunsidrat

> "Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu qabel xejn jigi investit il-kwezit dwar x'inhi r-r-responsabbilta tal-pedestrian fit-triq meta imqabbel ma' dawk tassewwieq qabel ma tinoltra ruhha fil-kwestjoni dwar x'ighid id-dritt penali taghna dwar il-culpa u il-grad ta' prudenza mistenni mis-sewwieq fis-sewqan prudenti. Ibda biex kif irrimarkat l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f'

pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed liddriver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :- "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak ilpedestrian ." (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

. . .. omissis . .. .

Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, 43 http://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa 50 imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."

Fil-kaz in ezami, l-imputat kien qed isuq fit-traffiku bil-mod, meta l-parte civile qasam f' parti tat-triq li kienet bejn zewgt pelican crossings bejn il-karozzi. Minkejja li l-parte civile jghid li l-karozzi kienu wieqfin dan huwa kontradett mix-xhieda l-ohra. Mary Gatt li kienet qed issuq fuq in-naha l-ohra tat-triq tghid li l-parte civile qasam minn quddiema u li l-karozzi kienu mixjin bil-mod, Alexander Sciberras jixhed li huwa sema lil Mary Gatt tghid li kienet ser tolqot lil parte civile meta harget mill-karozza taghha biex taghti l-assistenza.

Mix-xhiehda hareg li l-*parte civile* qasam minn bejn il-karozzi, ipparkjati Huwa kellu l-ghazla li jaqsam minn fuq pedestrian crossings li kienu ftit il-boghod. Meta raha l-karozza tal-imputat gejja minflok waqaf huwa qasam minn quddiemu u ittajjar wara li ghadda it-tieni nofs tal-karozza. L-impatt sar fuq in-naha tal-passiggier.

Il-Qorti qed tikkunsidra li l-agir tal-parte civile ikkreja emergenza subitanea li ghamlitja impossibbli biex id-driver jevita l-impatt. minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li sofra l-parte civile u qed jigi liberat minn kull akkuza

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-art 214, 215, 218, 225, 226(1)(a)(b), 328 (d), 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, .S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 68.18 Sitt Skeda qed issib lil Aaron Borda mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u qed tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**